MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 31/2010

**Mario Cutajar
ID 341066 (M)**

**vs**

**Noel Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur iddikjara illi nhar l-14 ta' Marzu, 2009 fi Triq San Giljan f'Birkirkara sfratta ziemel propjeta' tal-konvenut minn go drive-in privata ta' garages bil-konsegwenza li dan iz-ziemel ta' daqqa ta' zewg lill-attur; Illi b'rizultat ta' din id-daqqa, l-attur sofra feriti hfief kif jirrizulta ahjar mic-certifikati medici hawn annessi u mmarkati Dokument A; Illi dan l-incident gara minhabba n-negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti tal-konvenut; Illi l-konvenut hu responsabbli ghall-imsemmi incident u ghad-danni konsegwenzjali li sofra l-attur li jilhqu s-

somma ta’ elf mitejn u wiehed u sebghin ewro (€1,271) rapprezentanti telf ta’ xoghol li garrab l-attur minhabba l-istess incident; Illi l-konvenut gie interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra l-attur, izda ghalkemm ipprometta li se jhallas baqa’ inadmpjenti. Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex dan it-Tribunal m’ghandux, ghar-ragunijiet premessi: 1. Jiddikjara illi l-konvenut hu responsabbli ghall-incident li fih wegga’ l-attur fl-14 ta’ Marzu, 2009 kif hawn fuq spjegat u ghad-danni konsegwenzjali; 2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni kollha li jammontaw ghal elf mitejn u wiehed u sebghin ewro (€ 1,271).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-30 ta’ Gunju, 2009 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet ta’ l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, dan l-imsemmi pony u mhux ziemel kif gie indikat fl-avviz kien fil-fatt propjeta’ originali ta’ l-attur u jidher li kien jigi maltrattat stante li qatt ma ghamel l-ebda reazzjoni meta jara nies ohra hlief meta jara lilu. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra u ha konjizzjoni tan-nota ta’ sottomissjonijiet li gietipprezentata mill-attur.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attur qed jitlob hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' elf mitejn wiehed u sebghin ewro (€ 1,271) rapprezentanti telf ta' introjtu mill-impieg tieghu fi hdan l-Isptar Monte Karmeli in segwitu ta' incident li sehh fil-15 ta' Marzu, 2009, meta l-istess attur safa' milqut minn pony, li tah daqqa ta' zewg f'saqajh. Illi l-attur xehed illi kien qieghed hdejn xi hbieb tieghu jghinhom sabiex jghalef xi zwiemel kif ukoll sabiex jghinhom bix-xoghol ta' tindif ta' stallel, li jinsabu f'garages fi Triq San Giljan, Birkirkara. Illi hu xehed illi kien mal-habib tieghu Paul Bondin, u meta dan hareg biz-ziemel tieghu bis-serkin, hu hareg mieghu sabiex jara jekk kienux ghaddejjin karozzi fit-triq, u f'dak l-istess hin, hareg pony mill-garage tal-attur, li fil-pront fajjarlu daqqa ta' zewg, u laqtu f'saqajh. Illi minhabba il-gerha li garrab f'saqajh, l-attur kien kostrett ifalli x-xoghol, u hu dam barra mix-xoghol ghall-perjodu bejn il-15 ta' Marzu 2009 sal-4 ta' Mejju 2009. Illi in forza ta' din l-azzjoni qed jitlob kumpens ghat-telf ta' introjtu li sofra konsegwenza ta' dan l-incident.

Illi x-xhieda okulari Paul Bondin u Carmelo Gauci, li t-tnejn kienu fl-istess inhawi ta' Triq San Giljan. Birkirkara fil-hin li sehh l-incident, iddikjaraw li raw lil Noel Spiteri hiereg minn garage bil-pony, liema pony inaspettament fajjar daqqa ta' zewg, u laqat lill-attur f'saqajh. Ix-xhud Paul Bondin, li dak il-hin kien hiereg biz-ziemel tieghu, ddikjara li l-istess pony ittanta joqmos ukoll ghaz-ziemel tieghu, u kemm-il darba dan ma warrbux malajr, kien jolqtu wkoll. Illi z-zewg xhieda raw il-ferita li giet ikkagunata f'saqajn l-attur mill-pony tal-konvenut.

Illi t-tabib mediku kuranti tal-attur, Dr Marlon Grech iddikjara li kien invista lill-attur in konnessjoni ma' gerha li kellu f'irkobtu, u ghal-liema gerha l-istess attur kien jehtieg diversi korsijiet ta' antibiotici. Xehed illi minhabba li l-attur kellu infjamazzjoni f'din il-gerha, kien jehtieg kura ghal madwar sitta (6) jew seba' (7) gimghat. Illi hu kkonferma wkoll li rrilaxxja c-certifikati medici li kopja taghhom tinsab a fol 28 sa 30 tal-atti. Illi r-rapprezentant tal-Isptar Monte Karmeli, filwaqt illi kkonfermat illi rrilaxxjat id-dokument li kopja tieghu tinsab a fol. 32 tal-atti, ddikjarat illi l-attur tilef diversi granet tax-xoghol, oltre illi jidher minn dan l-istess

dokument illi tilef diversi *allowances* rizultanti mill-fatt li ma setax jidhol ghax-xoghol in segwitu ghal dan l-incident.

Illi l-konvenut, da parti tieghu, ikkonferma li l-pony in kwistjoni huwa proprjeta’ tieghu, u li dakinhar li sehh l-incident, hu u hu l-attur, u cioe’ Charles Cutajar, kienu qeghdin, in kwantu ghall-konvenut, izomm il-pony u l-iehor jahslu. Illi f’hin minnhom ghadda l-attur minn wara dan il-pony, dan tnaffar u laqat lill-attur f’saqajh bir-riglejn ta’ wara. Illi meta ra li l-attur kien wegga’, l-istess konvenut offra li jhallas lill-attur ghall-ispejjez tal-vizita ghand it-tabib u ghall-medicinali li jippreskrivilu, u fil-fatt hekk ghamel u tah mija u hmistax-il ewro (€115), u dan kif jirrizulta wkoll mid-dokument li jinsab a fol. 53 tal-atti. Illi dan il-pony kien ilu ghand il-konvenut ghal madwar erba’ (4) xhur, u din kienet l-ewwel darba li ghamel hekk.

Illi l-konvenut xehed illi dan il-pony kien xtrah minghand l-attur, u dan l-istess pony irreagixxa b’dak il-mod ghaliex sakemm dam ghand il-konvenut, dan kien qed jigi maltrattat. Rega’ ddikjara u sostna illi dan kien l-uniku incident li kellu b’dan il-pony, u ghalkemm diversi persuni avvicinaw lil dan il-pony, qatt ma kien irreagixxa b’dan il-mod.

Illi l-istess konvenut ikkonferma illi l-pony in kwistjoni huwa proprjeta’ tieghu, u li fil-waqt li sehh l-incident, kien qed jiehu hsiebu hu. Iddikjara illi hu hallas lill-attur ghall-ispejjez tat-tabib u tal-medicini mhux ghaliex hass li kellu xi obbligazzjoni li jaghmel hekk, izda b’sinjal ta’ rgulija.

Illi hu l-attur, u cioe’ Charles Cutajar ikkonferma illi hu kien qed jghin lill-konvenut sabiex inaddfu u jahslu lill-pony meta sehh l-incident mertu ta’ din il-kawza. Illi skond dan ix-xhud, hu u l-konvenut kienu qeghdin barra l-garage tal-istess konvenut, u filwaqt illi l-konvenut kien qed izomm il-pony, hu kien qed jahslu. Iddikjara illi f’hin minnhom ghadda l-attur minn wara dan il-pony flimkien ma’ Paul Bondin, li kien biz-ziemel tieghu, u kien minhabba f’dan iz-ziemel l-iehor illi l-pony tnaffar u fajjar daqqa ta’ zewg. Spjega illi l-fetha fejn kienu qed jahslu l-pony huwa ta’ madwar ghoxrin (20) pied wisa’, filwaqt illi l-passagg minn

fejn kien ghaddej Bondin biz-ziemel tieghu fih tul ta' madwar mitejn (200) pied. Illi skond dan l-istess xhud huwa fatt risaput, ghal min hu dilettant taz-zwiemel, illi wiehed m'ghandux jghaddi b'ziemel fil-qrib u minn wara ziemel iehor, oltre illi kien hemm bizzejjed wisa' u spazju minn fejn jghaddi z-ziemel l-iehor minghajr ma jigi fil-qrib tal-pony tal-konvenut. Illi l-istess xhud iddikjara illi hemm proceduri gudizzjarji tal-Pulizija fil-konfront tal-attur dwar il-maltrattament ta' annimali, u li dawn ghadhom pendenti.

Ikkunsidra,

Illi l-attur iddikjara, permezz tan-nota tal-osservazzjonijiet tieghu, illi azzjoni odjerna hija bbazata fuq il-provvedimenti tal-Artikolu 1040 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti Civili, Prim' Awla fil-kawza fl-ismijiet **Nazzareno Scicluna vs Paola Zahra** deciza fil-21 ta' Frar, 1967; "... *meta jaghti l-kaz li annimal jipprovoka dannu lil haddiehor* per proprio impulso (secondum natura)*; dana jimplika r-responsabbilta' tas-sid, minghajr dana ma jista' jigi ammess jipprova l-assenza tal-htija tieghu, billi r-responsabilita' tieghu hija prezunta mil-ligi. ...Li, pero', ma jistax jigi eskluz li dina r-responsabbilta' obbjettiva tigi nieqsa meta jirrizulta li l-incident li fih kien involut annimal, kien dovut ghall-kaz fortuwitu, jew forza maggiore; jew ghall-htija tad-danneggjat.*"

Illi kif gie ritenut mill-istess Onorabbli Qorti fil-kawza fl-ismijiet Mark Anthony Amato vs Charles Spagnol et, deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001; "*Huwa dmir tas-sid li jipprevedi ghall-agir mhux normali ta' l-annimal.*"

Illi fil-kaz in ezami l-konvenut qed jittenta jiskolpa ruhu mir-responsabilita' ghall-incident mertu ta' din l-azzjoni billi jattribwixxi r-reazzjoni tal-pony ghal zewg fatturi, u cioe' (i) in-nuqqas tal-habib tal-attur, u cioe' Paul Bondin, li ghadda biz-ziemel tieghu minn wara l-pony, meta persuni li huma dilettanti taz-zwiemel jafu illi dan ghandu jigi evitat, u (ii) illi l-attur – li kien is-sid ta' dan il-pony qabel il-konvenut – kien jimmaltrattah, u kien ghalhekk illi l-pony agixxa b'dan il-mod u fajjarlu d-daqqa ta' zewg.

Illi l-Artikolu tal-Ligi applikabbli ghall-kaz odjern, u l-interpretazzjoni moghti lilu mill-gurisprudenza li dejjem kienet kostanti in materja, joholqu prezunzjoni illi r-responsabilita' hija tas-sid tal-annimal, jew tal-persuna li jkun qed jaghmel uzu minnu. Illi ghalhekk kemm-il darba jirrizulta illi l-konvenut huwa s-sid tal-annimal, u jirrizulta wkoll in-ness kawzali bejn l-akkadut u l-annimal, allura jsegwi illi s-sid huwa responsabbli ghad-dannu kkagunat mill-annimal. Illi l-allegazzjonijiet avanzati mill-konvenut f'din il-kawza sabiex jiskolpa ruhu mir-responsabilita' ghall-akkadut, ma jistghux jigu meqjusa bhala kaz fortuwitu jew *force majeure*, u lanqas l-attur ma jista' jigi meqjus li bl-agir tieghu dakinhar tal-incident ikkawza, jew ikkontribwixxa, sabiex sehh dan l-incident, u konsegwentement, l-istess konvenut ghandu jigi meqjus responsabbli ghall-incident in kwistjoni u d-danni konsegwenzjali reklamati mill-istess attur.

Illi d-danni mitluba mill-attur ma gewx ikkontestati mill-konvenut, u ladarba c-certifikati medici u r-rendikont imhejji minn min ihaddem lill-attur, dwar it-telf ta' introjtu tul il-perjodu li l-attur kien konvalexxenti, gew debitament ikkonfermati bil-gurament, it-Tribunal ser jilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fl-avviz tat-talba.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf mitejn wiehed u sebghin ewro (€1,271.00), bl-imghax kif mitluba

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------